DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Ġunju 2014

li temenda l-Annessi tad-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/197/KEE u 2004/211/KE rigward il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' żwiemel irreġistrati minn ċerti partijiet tat-territorju tal-Indja

(notifikata bid-dokument C(2014) 3582)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/332/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) u (4), il-punt (a) tal-Artikolu 15, l-Artikolu 16(2) u l-fażi introduttorja tal-Artikolu 19 u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/156/KE tistipola l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni tal-ekwidi ħajjin fl-Unjoni. Din tipprevedi li l-importazzjonijiet ta' ekwidi fl-Unjoni jkunu awtorizzati biss minn dawk il-pajjiżi terzi li jissodisfaw ċerti rekwiżiti dwar saħħet l-annimali.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE [3] tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad-dħul temporanju fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati għal perjodu ta' inqas minn 90 jum minn pajjiżi terzi assenjati lil gruppi sanitarji speċifiċi kif stabbilit fl-Anness I tagħha. L-Anness II ta' din id-Deċiżjoni jistabbilixxi l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li għandhom jakkumpanjaw l-annimali li jaslu minn pajjiżi terzi assenjati lil gruppi sanitarji korrispondenti.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE [4] tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' annimali tar-razza tal-ekwidi rreġistrati għat-tnissil u produzzjoni minn pajjiżi terzi assenjati lil gruppi sanitarji speċifiċi kif stabbilit fl-Anness I tagħha. Dan l-Anness jispeċifika wkoll il-kategorija tal-ekwidi li jitħallew jiġu importati minn pajjiż terz partikolari. L-Anness II ta' din id-Deċiżjoni jistabbilixxi l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li għandhom jakkumpanjaw l-annimali li jaslu minn pajjiżi terzi assenjati lil gruppi sanitarji korrispondenti.

---

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
[2] ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.
[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE tal-10 ta' April 1992 dwar kondizzjonijiet tas-saħħa ta' annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għal dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati (ĠU L 130, 15.5.1992, p. 67).
[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċertifikazzjoni tal-veterinarju għall-importazzjoni ta' annimali tar-razza tal-ekwidi rreġistrati għat-tnissil u produzzjoni (ĠU L 86, 6.4.1993, p. 16).

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE [1] li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew ta' partijiet minnhom fejn tapplika r-reġjonalizzazzjoni, li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ekwidi u semen, ova u embrijuni tagħhom, u tindika l-kundizzjonijiet l-oħra li huma applikabbli għal dawn l-importazzjonijiet. Din il-lista hija stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.

(5) Mill-informazzjoni disponibbli, l-Indja hija ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-aħħar każ tal-marda taż-żwiemel Afrikana kien irrappurtat fl-1963. Barra minn hekk, l-Indja ilha ħielsa sentejn mill-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela; fatt li s'issa għadu qatt ma ġie rrappurtat f'dan il-pajjiż terz. Madankollu, f'partijiet mit-territorju tal-Indja wieħed jista' jsib il-glanders u hemm ukoll nuqqas ta' informazzjoni dwar l-okkorrenza tad-durina.

(6) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemoloġika fl-Indja fir-rigward tal-mard li jinxtered fost l-ekwidi, dan il-pajjiż terz għandu jiġi assenjat lill-Grupp Sanitarju C kif stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjonijiet 92/260/KEE u 93/197/KEE rispettivament.

(7) Billi l-prevalenza tal-glanders hija iżgħar għal żwiemel irreġistrati, huwa xieraq li d-dħul fl-Unjoni tal-ekwidi jiġi limitat għal żwiemel reġistrati biss u jinħtieġ li dawk iż-żwiemel reġistrati introdotti fl-Unjoni, ikunu suġġetti għal testijiet għall-glanders u d-durina, skont id-Deċiżjonijiet 92/260/KEE jew 93/197/KEE. Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali "C" stipulat fl-Anness II rispettiv ta' dawn id-Deċiżjonijiet għandu għalhekk jispeċifika dawk it-testijiet għall-introduzzjoni ta' dawk iż-żwiemel irreġistrati mill-Indja.

(8) L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 92/260/KEE u tad-Deċiżjoni 93/197/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(9) Permezz ta' ittra tal-31 ta' Diċembru 2013, l-Indja infurmat lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-mard tal-ekwini fiċ-Ċentru "Remount and Veterinary Corps" (RVC), f'Meerut Cantonment, id-distrett ta' Meerut, fid-diviżjoni ta' Meerut fl-Istat ta' Uttar Pradesh, u pprovdiet il-garanziji neċessarji kif meħtieġ skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/156/KE.

(10) Sakemm joħroġ ir-riżultat ta' missjoni ta' verifika tal-Kummissjoni u meta wieħed iqis li l-Indja tixtieq tipparteċipa fil-World Equestrian Games tal-Fédération Èquestre Internationale (FEI) fin-Normandija fi Franza f'Awwissu 2014, iż-żona ħielsa mill-mard tal-ekwini stabbilita fl-Indja għandha tiġi approvata fuq bażi temporanja sa Ottubru 2014.

(11) Ir-reġjonalizzazzjoni għandha tinkludi wkoll it-toroq ta' aċċess għat-trasferiment taż-żwiemel irreġistrati miż-żona ħielsa mill-mard tal-ekwini sal-eqreb ajruport internazzjonali, li għalihom l-Indja ppreżentat il-Proċeduri Operattivi Standard u miżuri ta' bijosigurtà.

(12) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE għandu għalhekk jiġi emendat.

(13) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 92/260/KEE huma emendati skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 93/197/KEE huma emendati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat skont l-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 92/260/KEE huma emendati kif gej:

(1) Fl-Anness I, il-lista ta' pajjiżi terzi assenjati lill-Grupp Sanitarju C tinbidel b'dan li ġej:

"Il-Grupp Sanitarju C [1]

Il-Kanada (CA), iċ-Ċina [3] (CN), Ħong Kong (HK), l-Indja [3] (IN), il-Ġappun (JP), ir-Repubblika tal-Korea (KR), il-Makaw (MO), il-Malasja (peniżola) (MY), Singapor (SG), it-Tajlandja (TH), l-Istati Uniti tal-Amerika (US)"

(2) Fl-Anness II, fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali C, fit-Taqsima III, il-punt (l) jinbidel b'dan li ġej:

"(l) Jekk iż-żiemel jiġi miċ-Ċina [1] [3], mill-Indja [1] [3] jew mit-Tajlandja [3], kien suġġett għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għall-glanders u għad-durina li kellu riżultati negattivi f'dilwizzjoni tas-serum ta' wieħed f'10 f'kampjun tad-demm miġbur fi żmien għaxart ijiem qabel l-esportazzjoni fil-… [4] [5];"

ANNESS II

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 93/197/KEE huma emendati kif gej:

(1) Fl-Anness I, il-lista ta' pajjiżi terzi assenjati lill-Grupp Sanitarju C tinbidel b'dan li ġej:

"Il-Grupp Sanitarju C [1]

Il-Kanada (CA), iċ-Ċina [2] [3] (CN), Ħong Kong [3] (HK), l-Indja [2] [3] (IN), il-Ġappun [3] (JP), ir-Repubblika tal-Korea [3] (KR), il-Makaw [3] (MO), il-Malasja (peniżola) [3] (MY), Singapor [3] (SG), it-Tajlandja [3] (TH), l-Istati Uniti tal-Amerika (US)"

(2) Fl-Anness II, fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali C, fit-Taqsima III, il-punt (m) jinbidel b'dan li ġej:

"(m) Jekk iż-żiemel jiġi miċ-Ċina [1] [3] mill-Indja [1] [3] jew mit-Tajlandja [3], kien suġġett għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għall-glanders u għad-durina li kellu riżultati negattivi f'dilwizzjoni tas-serum ta' wieħed f'10 f'kampjun tad-demm miġbur fi żmien għaxart ijiem ta' esportazzjoni fi … [4];"

ANNESS III

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat kif ġej:

(1) ir-ringiela li ġejja tiddaħħal fl-ordni tal-kodiċi ISO tal-pajjiż:

“IN	L-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	C	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		IN-1	Iż-żona ħielsa mill-mard tal-ekwini fiċ-Ċentru Remount and Veterinary Corps (RVC), Meerut Cantonment, fid-distrett ta’ Meerut, fid-diviżjoni tal-Istat Meerut ta’ Uttar Pradesh inkluza t-triq mill-ajruport u lejn l-ajruport ta’ New Delhi (ara l-Kaxxa 6 għad-dettalji)	C	X	—	X	—	—	—	—	—	—	Validu sal-31 ta’ Ottubru 2014”

(2) Qed tiżdied il-Kaxxa 6 li ġejja:

“Kaxxa 6			
IN	L-Indja	IN-1	Iż-żona ħielsa mill-mard tal-ekwini fiċ-Ċentru Remount and Veterinary Corps (RVC), Meerut Cantonment, fid-distrett ta’ Meerut, fid-diviżjoni tal-Istat Meerut ta’ Uttar Pradesh (lokalizzat f’ 29.028893, 77.731018 jew +29° 01′ 44.01″, +77° 43′ 51.66″) u mdawwar b’żona ta’ sorveljanza ta’ 10 km, inkluż l-aċċess mit-toroq ta’ Roorkee, Mawana u Delhi għall-awtostrada nazzjonali Nru 58, Hapur Road (57), triq GT, triq Dharampura, triq Eastern Approach, Yudister Setu, Lala Hardev Sahai Marg, triq Mahatma, Vandemataram Marg, l-awtostrada nazzjonali Nru 8, triq tal-ajruport, Ullan Batar Marg sal-ajruport internazzjonali Indira Gandhi fi New Delhi.”